**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 127/ 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Clifton Cassar**

**Illum 31 ta' Ottubru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Clifton Cassar detenur tal-karta tal-identita Maltija **46782M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f' Settembru 2013, u fil-jiem u granet ta' qabel gewwa x-Xghajra:

1. Minghajr hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini kiser il-mixi tal-ilma jew ha ilma ghalih jew b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor. (Artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali ta′ nhar it-8 ta′ Marzu 2023, fejn il-Qorti wara li din il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe′ l-Artikolu 85 u l- Artikolu 377(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l- imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u mponiet multa ta' mitt euro (€100).

Inoltre ordnatlu sabiex fi zmien gimgha mil-lum il-hati Clifton Cassar jnehhi b'mod permanenti kwalunkwe haga li huwa ghamel f'din l-għalqa u jirripristina l-access ghal kamra kif kienet qabel u jagħti l-access lura ta' kollox lill-kwerelant Nazzareno Cassar.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Clifton Cassar, prezentat fir-registru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar it-24 ta′ Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **jogħġobha thassar tirrevoka is-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Marzu, 2023, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni miġjuba kontrih u ħtija.**

Rat l-aggravji tal-appellant Cliffton Cassar li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. **<u>L-ewwel aggravju</u>:** Illi fl-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti quddiemha, meta ma qisietx fatti li jirriżultaw minn dawn il-proċeduri li jpoġġu u li jiskreditaw lill-istess kwerelanti u li effettivament kellhom jiskolpaw lill-appellant mir-responabbilita' kriminali.

Illi iż-żewġ għelieqi in kwistjoni jinsabu fl-istess zona. Madanakollu l-kirja tat-tenement 51915 li għall-Awtorita' tal-Artijiet maż-żmien giet ridotta. Il-pjanti esebiti mill-Awtorita' tal-Artijiet juru bic-car illi l-ħabel li għalieh l-Awtorita' tal-Artijiet tirrikonoxxi kirja lill-kwerelant ma għandux fuqu strutturi jew kmamar. Illi kif jispjega tajjeb ix-xhud għall-Awtorita' tal-Artijiet is-Sur Nazzareno Cassar kien irrinunzja għal biċċa mill-kirja originali, u parti mill-kirja ġiet itterminata minħabba l-bini tal-iskola primarja tax-Xgħajra. Di fatti l-istess uffiċjal tal-Awtorita' saħaq illi l-appellant "ghamel talba biex jigi rikonoxxut fuq partijiet mill-artijiet adjacenti ghal dik li m′humiex mikrijin u ma kinux mikrijin fil-passat. Qed jokkupahom minghajr titlu."

Illi l-pjanta ippreżentata mill-appellant stess turi strutturi jew aħjar kmamar fuq din l-art.

Ergo, hawnhekk si tratta ta' żewġ ħbula ta' għelieqi differenti. Illi dan irriżulta ukoll mix-xhieda ta' Ronald Falzon. Illi minkejja dan, u minkejja illi fid-deċiżjoni l-Ewwel Qorti innotat illi x-xhieda tiegħu ittieħdet in konsiderazzjoni, t-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu ma tirriżultax fl-atti proċesswali, minkejja illi d-dokumenti illi huwa preżenta huma inseriti.

Illi x-xhieda ta' dawn l-uffiċjali flimkien mad-dokumenti minnhom prodotti, jikkonstataw illi l-verzjoni mogħtija mill-appellant kienet aktar kredibbli minn dik tal-prosekuzzjoni u tal-kwerelant. Illi għaldaqstant, il-kwerelant ma jistax jivvanta ebda pretenzjoni fuq l-għalqa illi fuqha hemm l-istruttura, u li effettivament ma hix parti mit-tenement lilu mikri.

**2. <u>It-tieni aggravju:</u> illi l-kwerelant qed jipretendi illi jivvanta pretenzjonijiet ta' natura ċivili tramite azzjoni penali.**

Illi dak illi prova jagħmel il-kwerelant huwa illi tramite azzjoni penali tar-*ragion fattasi* jeżerċita l-azzjoni civili. Illi huwa ben saput illi l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet minn dejjem, sa mill-promulgazzjoni tal-Kodiċi Ċivili ta' Sir Andrew Jameson, li jżomm iz-zewg azzjonijiet separaţi u distinti.

Ill l-artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in sustanza jirreplika l-artikolu 1688 tal-liġijiet penali fil-Codice delle Due Sicilie. **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu **Programma del Corso di Diritto Criminale** jiddefinixxi r-ragion fattasi bħala:

> "*La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, del fine di sostituire*

*la sua forza privata all"autorità pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti*".

Għaldaqstant, essenzjalment iridu jissussistu d-dritt pretiż u l-possibilità li dak li jkun ikollu rikors għal xi awtorità kompetnenti. Illi dawn l-elementi minn dejjem kienu rikonoxxuti illi iridu jeżistu b'mod kumulattiv sabiex javvera ruhu r-reat, kif din Onorabbli Qorti qalet f' **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia**[1] u **Il- Pulizija v. Salvatore Farrugia**[2].

Illi skont ir-ragunament ta' din l-Onorabbli Qorti f' **Il-Pulizija v. George Zahra**[3] il-fatt illi kien hemm xi forma ta' ftehim jew intendiment li bih l-użu jew il-mera detenzjoni tal-fond mill-apppellant kien ittollerat huwa biżżejjed biex isarraf fin-nuqqas tal-pussess tal-fond da parti tal-parte civile, u għaldaqstant il-mankanza ta' dan l-ingredjent essenzjali għall-azzjoni penali ta' ragion fattasi. Illi kif tgħid l-istess Qorti, u l-insenjament gie riprodott anke fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Gona Caruana Salvu Caruana** "*Jekk [il-kwerelant] ippretenda li kellu dritt sabiex jizgonbra l-inkwilin, messu applika lill-Qorti komptenti*" li ma hix il-Qorti ta' kompetenza kriminali iżda se mai dik ta' kompetenza civili.

**3. It-tielet aggravju: Il-kwerelant naqas milli juri illi kellu pussess effettiv tal- fond in kwistjoni.**

Illi kif gie imfisser tajjeb fis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fl- ismijiet **Il-Pulizija vs Bongailas**:

"*l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tiegħu, kjarament iqis bħala agir kriminali kull att ta' xi*

[1] Vol XXXIIF, parti IV, pagna &68 deciza nhar l-14 ta Ottubru 1944 Qorti tal-Appelli Kriminali
[2] Vol XLI parti IV, pagna 1506 deciz nhar l-14 ta' Dicembru, 1957 Qorti tal-Appelli Kriminali
[3] Vol XLII E parti IV pagna 1453 Deciz nhar is-16 ta' Lulju 1958 Qorti tal-Appelli Kriminali

*ħadd li ifixkel lil xi ħaddieħor fil-pussess ta' xi ħaġa li qed igawdi, L-imsemmi artikolu, għalhekk jittutela l-pussess tal-ħaġa u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' tagħha. Il-kelma pussess, għalhekk tinkludi l-użu jew tgawdija ta' dik il-ħaġa.*

*Li hu importanti, ai fini tal-artikolu 85 tal-Kap.9, dejjem riferibbilment għall- ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-użu u/jew it-tgawdija tal-fond in kwistjoni."*

Illi, l-appellant ilu jaħdem u jagħmel użu minn din l-art għall-iktar minn tmintax-il sena, propju minn qabel il-mewt ta' missieru, li antecedentament kien jagħmel hu użu minnha. F'liema snin il-kwerelant qatt ma qallu biex jieqaf jagħmel tali uzu u wisq anqas ma beda proċeduri ċivili appoziti sabiex jiżgombra u effettivament iwaqqaf lill-appellant milli jagħmel użu tal-istess.

Għaldaqstant, żgur illi ma jistax jingħad illi l-kwerelant kellu pussess, użu, kontrol dirett, tgawdija jew mera detenzjoni tas-sit in kwistjoni. Lanqas l-Awtorita' tal-artijiet stess bħala s-*sid de facto* tal-art in kwistjoni ma qatt waqfet lill-appellanti jew bdiet proceduri appoziti, u lanqas ma wriet illi b'xi mod kellha pussess jew użu effettiv tal-art. Anzi, a dirittura fix-xhieda tal-uffiċjali tagħha kemm Ronald Falzon kif ukoll Peter Mamo jirrikonoxxu illi l-appellant minkejja illi ma kienx qed iħallas qbiela fuq l-art kien qiegħed jagħmel uzu minnha. Tant hu hekk illi jirrikonoxxu ukoll illi l-appellanti għamel talba mal-istess Awtorita' sabiex jifformalizza l-użu tal-istess art. Fl-ebda ħin ma nqtal mill-Awtorita' illi infurmat lill-appellanti illi m'għandux jagħmel użu mill-għalqa u wisq anqas ma talbitu jtiha xi forma ta' aċċess. Għaldaqstant, jonqos l- ewwel element essenzjali għall-azzjoni penali in kwistjoni għaliex ma hemm l-ebda kontestazzjoni jew *notizia criminis* da parti tal-istess Awtorita'.

Illi di più l-azzjoni penali tar-ragion fattasi minn dejjem kient intiza biex tippenalizza t-teħid ta' azzjoni arbitrarjament mill-attur b'mod illi l-azzjoni tiegħu tbiddel l-status quo f'dak il-mument partikolari illi fih l-azzjoni illi allegatament twassal għall-azzjoni ta' ragion fattasi.

Illi kif jeziġi l-massimu *legali qui continuat non attentat* ma jistax jingħad illi r-reat jissussisti meta l-att jikkonsisti biss fit-tgawdija jew użu ta' ħaġa li digà qed igawdi minnha l-agent, bħal f'dan il-każ. Illi di fatti l-appellant ilu jagħmel uzu mill-għalqa in kwistjoni, sa minn qabel miet missieru u qabel l-akkadut, u dan l-użu kien ittollerat u *a ben sapjenza* tal-Awtorita' tal-Artijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti esaminat bir-reqqa is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-8 ta' Marzu 2023 u rat li dik il-Qorti qiset ix-xhieda tas-segwenti sabiex waslet ghal gudizzju taghha li ssib lill-appellant hati u cioe' lil PS 1593 Alfred Cachia, Nazzareno Cassar, Lorraine Cassar, Mario Cassar, Peter Mamo, Martin Bajjada u Clifton Cassar. Rat ukoll l-ewwel Qorti s-segwenti dokumenti imsemmija fl-istess sentenza u cioe: -

- Affidavit ta' PS 1593 Alfred Cachia.
- Pjanta taz-Zona immarkata bhala Dok RB1 minkejja li x-xhieda tal-persuna li ppezentata hi nieqsa mill-process.
- Vera kopja tal-lease agreement bejn il-Gvern u Nazzareno Cassar immarkata bhala Dok RB2 minkejja li x-xhieda tal-persuna li ppezentata hi nieqsa mill-process.

- Vera kopja ta cessjoni ta' art favur il-Gvern immarkata bhala Dok RB3 minkejja li x-xhieda tal-persuna li ppezentata hi nieqsa mill-process.
- Vera kopja ta' pjanta taz-zona.
- Kopja ta pjanta taz-zona immarkata bhala Dok NC1.
- Ricevuta immarkata bhala Dok LC.
- Pjanta ta' zona immarkata bhala Dok NC2.
- Pjanta taz- zona immarkta bhala Dok NC3.
- Pjanta taz-zona immarkata bhala Dok CC1.

Illi pero minn ezami tal-process jirrizulta li nhar it-3 ta' Dicembru, 2015 (fol. 15) xehed Ronald Falzon prodott mill-prosekuzzjoni li pprezenta id-dokument RB1 sa Dok RB3. Illi pero din ix-xhieda ma kinitx inserita fl-atti u minn verifiki li ghamlet jirrizulta li tali xhieda ma gietx dattilografata u ghalhekk dan ix-xhud xehed quddiem din il-Qorti nhar il-11 ta' Lulju, 2023 meta ghamel referenza ghall-istess dokumenti imsemmsija fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u cioe' Dok RB1 sa RB3. M'hemmx dubbju li tali xhieda tirreferi ghall-proprjet tal-Gvern fejn ir-records taghha huma mizmuma fid-dipartiment tal-*property records* fi hdan il-*lands Authority* u dan ix-xhud Ronald Falzon huwa l-manager ta' dan l-ufficju. Stramba pero li l-Qorti tat kaz dawn it-tlett dokumenti RB1 sa RB3 minkejja li ma irrizultalhiex min kien esebixxa dawn id-dokumenti.

Illi jirrizulta li dan ix-xhud Ronald Falzon ma xehedx quddiem il-Magistrat li tat is-sentenza fl-ewwel Istanza. Jidher li dan ix-xhud kien xehed nhar it-3 ta' Dicembru 2015 quddiem il-Magistrat kompjant Saviour Demicoli waqt li s-sentenza inghatat mill-Magistrat sedenti Caroline Farrugia Frendo. Illi jidher li hadd mill-partijiet ma attira l-attenzjoni taghha ghal dan in-nuqqas u ghalhekk jidher li l-process mhux integru minhabba tlett binarji. Fl-ewwel lok ghaliex ix-xhieda ta' dan Ronald Falzon ma gietx traskritta, fit-tieni lok ma xehedx quddiem il-Magistrat li tat is-sentenza u fit-tielet lok meta il-Magistrat kitbet is-sentenza taghha ma ghamlet l-ebda accenn ghax-xhieda tieghu. Ghalhekk il-Magistrat li tat is-sentenza ma setghetx tindaga il-provi kollha prodotta mill-partijiet izda tat qies biss dik li kienet giet traskritta.

Illi ghalhekk l-ewwel Qorti meta ghaddiet biex taghti sentenza ma tatx kaz tali xhieda li tista tkun importanti ghal gudizzju li l-Qorti trid tilhaq sabiex ikun wiehed '*safe and satisfactory*'.

Ma hemmx dubju li f'dawn ic-cirkostanzi l-appellant gie priv milli jkollu l-ewwel Qorti ben edotta mill-fatti kollha li jawru l-kaz.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Elton Tonna) Vs Simone Micallef</u>** [4]gie kkunsidrat li:

> *'L-appellanti tissottometti wkoll li vis a vis dak li ġara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma nġabitx traskrizzjoni tax-xhieda.*
>
> *Dwar il-kawżi sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, huwa ben magħruf li ħafna minnhom ma jkunux rekordjati. Il-Maġistrat jisma' x-xhieda, jista' jieħu xi noti waqt is-smigħ, u jagħti s-sentenza dak il-ħin.*
>
> *Huwa veru li 'quod non est in actis non est in mundo' iżda dan il-prinċipju għandu japplika għal dak il-ġudikant li qed jiddeċiedi s-sentenza. Huwa marbut b'dak li sema' hu stess waqt is-smigħ tal-kawża…."*

Illi pero f'din il-kawza ma hux qed jigi imputat li l-ewwel Qorti ma haditx hsieb li jkun hemm it-traskrizzjoni tax-xhieda u dan ghaliex quddiem l-ewwel Qorti f'dawn it-tip ta' kawzi sommarji ma hemmx ghalfejn ikun hemm xhieda traskritta pero f'dan il-kaz ix-xhieda kollha giet transkritta salv ghal din ta' Renald Falzon. Mhux talli hekk li l-ewwel Qorti nizlet ix-xhieda kollha li qrat biex waslet ghal gudizzju taghha pero fir-rigward ta' dan Ronald Falzon ma ghamlet l-ebda referenza u ghalhekk m'hemmx dubbju li l-process ma kienx integru meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex tghaddi ghas-sentenza.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tibghat l-appellant sabiex jigi gudikat mill-gdid minn l-ewwel Qorti wara li tiehu konjizzjoni ta' din ix-xhieda ta' Ronald Falzon u sabiex ma tipprivax lill-appellant mid-dritt tieghu ta' *doppio esami,* qeghda tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex jitpogga fi *status quo ante* qabel ma inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti.

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Ottubru, 2012 (Appell Kriminali Numru: 450/2011)

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Maria Grech

Deputat Registratur